MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

## ONOR. IMĦALLEF LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2003

Rikors Numru. 822/1997/1

Edmund sive Eddie Vella
vs
Il-Professur Roger Ellul Micallef bhala Rettur u in rappresentanza ta’ l-Universita` ta’ Malta

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta’ Mejju 1987 u l-15 ta’ Mejju 1995, u b’mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta’ 1991 huwa sofra ingustizzja f’li giex appuntat Registratur ta’ l-Universita` ta’ Malta.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:

Ir-rikorrent dahal jahdem ma’ l-Universita` ta’ Malta fl-1964 bhala Clerk. Sussegwentement, huwa okkupa bosta karigi fi hdan l-istess Universita` ta’ Malta, u fost dawn kien hemm il-kariga ta’ Executive Officer, Finance Officer, Administrative Officer u Sports Manager. Bejn l-1987 u l-

1989 ir-rikorrent kien serva bhala Finance Officer u Amministratur tal-Fondazzjoni ghall-Istudji Internazzjonali.

F'Awissu ta' l-1991 kienet harget sejha ghall-post vakanti ta' Registratur ta' l-Universita`. Ir-rikorrent li dak iz-zmien kien diga ilu jokkupa l-kariga ta' Administrative Officer fi hdan l-istess ufficcju tar-Registratur ta' l-Universita` ghal izjed minn sentejn applika ghal din il-kariga ta' Registratur.

Minkejja illi r-rikorrent kellu Certificate in Supervisory Management u diploma in Law and Administration (it-tnejn mill-Universita` ta' Malta), Higher Education Administrators Programme Certificate (mill-Victoria University ta' Manchester) Business Law and Accounting at Higher Diploma Level (mill-Universita` ta' Malta) Certificate of Graduate Study and Professional Development in Planning and Resource Management (Hubert H. Humphrey Fellowship ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika), Masters Degree fl-Amministrazzjoni Pubblika (mill-Universita` ta' Pittsburgh, l-Istati Uniti ta' l-Amerika), kien Fellow ta' l-Institute of Supervisory Management ta' l-Ingilterra u minkejja l-esperjenza li diga kellu fi hdan l-ufficju tar-Registratur gie appuntat bhala registratur persuna b'inqas kwalifiki u esperjenza mir-rikorrent.
Minhabba din l-ingustizzja r-rikorrent sofra u ghadu jsofri danni finanzjarji minhabba l-fatt illi huwa gie mcahhad mill-Kariga ta' Registratur ta' l-Universita` ta' Malta.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku anness li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jinghata l-kariga ta' Registratur ta' l-Universita` b'effett minn meta kien intitolat li jiehu din il-kariga u li jithallas l-arretrati tal-paga minn dik id-data jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata, jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' mhux aktar minn Lm5000 u dana

taht kull provediment xieraq u opportun li joghgbu jaghti dan it-Tribunal.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tal-Professur Roger Ellul Micallef bhala Rettur u in rappresentanza ta’ l-Universita` ta’ Malta li eccepixxa:

Illi l-intimat jopponi ruhu ghat-talba ta’ Edmund Vella kif kontenuta fir-rikors tieghu fuq imsemmi u dan billi ma gietx mill-Universita` kommessa mieghu l-ebda ingustizzja jew diskriminazzjoni.

Illi ghalkemm huwa minnu li Edmund Vella applika ghall-promozzjoni kif jghid fir-rikors tieghu fil-fatt l-applikazzjoni tieghu giet processata bil-mod normali kif gew processati kull applikazzjoni ohra u l-Awtoritajiet Universitarji regolarment kostitwiti wara li segwew il-proceduri kollha rikjesti fil-ligi kienu waslu ghad-decizjoni li dik il-promozzjoni ma kellhiex tinghata kif kienet giet mitluba. Illi utili li wiehed jinnota li f' kaz ta’ promozzjonijiet ghall-kariga ta' Registratur ta' l-Universita` l-prassi li ssegwi l-Universita` hija li tiehu l-parir ta’ nies li ghandhom r-reputazzjoni taghhom fil-kamp in kwistjoni stabbilita biex dawn jaghtuha opinjoni dwar dak li ikun qed jigi sottomess mill-applikant.

Ghaldaqstant l-intimat issottometta li t-talba tar-rikorrent ma hiex gustifikata u ghandha tigi michuda.

Ra l-elenku tax-xhieda ta’ l-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema’ lix-xhieda bil-gurament.

Sema’ l-abili difensuri.

Ikkunsidra
**PROVI:**

Xehed ir-rikorrent fejn qal li llum jokkupa l-kariga ta' Sports Manager li qal bejn l-1987 u l-1989 kien jokkupa kariga ta' Finance Officer, u Amministratur ghall-Fondazzjoni tal-istudji Internazzjonali, u li kienet l-Universita` li talbitu jaghmel dan, minhabba kors li kien segwa fl-Amerka. Hu pprezenta l-***Curriculum Vitae*** tieghu a fol 18. Zied ighid li r-Rettur dak iz-zmien kien talbu jibda jaghmel xoghol fl-ufficju tar-Registratur, u hu kellu taht idejh il-fakultajiet tat-teologija, tal-ligi, edukazzjoni u arti, u civil engineering. Semma li x-xoghol li kien jaghmel kien ta' Assistent Registratur u kien ha dan il-posting fl-1 ta' April 1989. Qal li f'Awissu 1991, kienet harget sejha ghall-applikazzjonijiet ghar-Registratur tal-Universita` u hu kien applika. Hu esebixxa kopja ta' din is-sejha a fol 22. Spjega li fl-interview, kien hassu mar tajjeb u riedu janalizzaw dwar ix-xoghol kienx relatat ma dak ta' registratur u l-professjoni tieghu semma li fil-bord tal-intervista, kien hemm Fr. Peter Serraccino Inglott u Maurice Debono, fost ohrajn. Qal li wara l-intervista, lahaq Registratur Anthony Gellel, u dan ma kienx jaghmel xoghol ta' Registratur qabel. Hu hass li jekk kien se jibqa' Assistent tar-Registratur, kien se jkun assistent ta' xi hadd anqas kwalifikat minnu u li ma kienx normalment qed jaghmel dan it-tip ta' xoghol, ghalhekk hass li ma kellux ikompli dan it-tip ta' xoghol. Ghalhekk, hu kien applika ghas-sejha li kienet harget ghal Sports Manager u nghata dan il-post u qal li gie maqtugh mill-bqija tax-xoghol fl-amministrazzjoni. Hu esebixxa ittra a fol 24 fejn gie mitlub biex jaghti kontribut fil-Medical School. Fil-fatt, qal li beda jaghmel il-funzjonijiet kollha ta' Segretarju tal-Medical School, ghalkemm ma kellux din il-kariga. Hu esebixxa dok a fol 25 li hi ittra mill-fakulta tal-medicina li turi li kien qed jaghmel ix-xoghol tieghu b'success fil-Medical School.

Xehed Prof. Peter Serracino Inglott, li kien Rettur ta' l-Universita` mill-1987 sal-1988 u mill-1991 sal-1996. Qal fiz-zmien tal-promozzjoni in kwistjoni, hu kien Chairman tal-Bord tal-intervista, u qal li l-proceduri, kollox kien sar regolari. Spjega li kien hemm 15-il kandidat u kien sar short listing ta' 4 kandidati. Qal li r-rikorrent kien wiehed minn dawk li gie short listed u s-Sur Gellel ukoll kien attenda ghal intervista.

Qal li kienet mehtiega certa kwalifika f'Education Management jew Administration li s-Sur Gellel kellu. Semma li s-Sur Gellel kien rapprezentant tal-Ministru li kellu relazzjonijiet mal-Universita`. Zied ighid li l-kriterji li mexa bihom il-Bord, kienu dawk li huma definiti u stipulati fl-Education Act. Qal li l-grad tas-Sur Gellel kien ta' teacher, izda x-xoghol li kien qed jaghmel dak iz-zmien kien in liason mal-Ministeru u l-Universita`. Spjega li s-Sur Gellel, kien jirraporta rigward ix-xoghol li jkun qed isir min-naha ta' l-Universita` u kien qed jimoniterja u jawditja l-amministrazzjoni. Qal li bhala Bord, huma kienu jafu lill-erba' persuni, u raw kif jistghu jissodisfaw il-kriterji u x-xoghol u l-funzjonijiet ta' Registratur u ma qaghdux iqisu l-kriterji tal-kwalifiki. Kien jaf li r-rikorrent hadem snin twal l-Universita`.

**KONKLUZJONIJIET:**
Illi r-rikorrent sostna li hu kellu l-kwalifiki ghall-kariga ta' Registratur tal-Universita` u dan meta hargu l-applikazzjonijiet fl-1991. Sostna li hu kellu kwalifiki u esperjenza ghall-hatra u li minnflok giet maghzula persuna ohra u mhux hu. Semma li kien jokkupa l-kariga ta' Administrative Officer fi hdan l-Ufficcju tar-Registratur tal-Universita` ghal izjed minn sentejn kif ukoll ta l-lista ta' kwalifiki li ghandu u cioe` Masters Degree Public Administration tal-Universita` ta' Pittsburgh, certifikat ta' Graduate Study and Professional Development in Planning and Resource Management bhala Hubert Humphrey Fellow, Business Law and Accounting at Higher Diploma Level l-ewwel semestru fl-Universita` ta' Malta, Fellow tal-Institute of Supervisory Management (UK), Higher Education Administrators Programme Certificate tal-Victoria University ta' Manchester, Diploma in Law and Administration tal-Universita` ta' Malta, certifikat in Supervisory Management tal-Universita` ta' Malta. Semma wkoll li kien ilu jahdem mal-Universita` mill-1964.

Sostna li l-persuna li ntaghzlet ma kellhiex l-istess livell ta' kwalifiki u li din kellha 9 'O' Levels, 2 'A' Levels, Teacher' s Certificate St. Michael' s Training College u Diploma in

Educational Management and Administration tal-Universita` ta’ Malta u ghalhekk sostna li hu kien ferm aktar kwalifikat minn din il-persuna l-ohra. Sostna wkoll li l-persuna l-ohra kienet assocjata mal-Universita` bhala xoghol mill-1987 ‘il quddiem minhabba li precedentement kienet teacher fi skola sekondarja u li mill-1987 ‘il quddiem kienet Liason Officer (University Matters) fil-Ministeru tal-Edukazzjoni kif ukoll Council Member. Kien ukoll membru fuq il-Board of Governers tal-Institute of Tourism Studies mill-1988 ‘il quddiem. L-intimat kien sostna li f’ kariga bhal din l-Universita` tiehu l-parir tan-nies li ghandhom reputazzjoni taghhom fil-kamp in kwistjoni stabbilita biex dawn jaghtuha opinjoni dwar dak li jkun qed jigi sottomess mill-applikant. Izda jinghad li tali pariri ma gewx ezegwiti u ghalhekk m’ hemmx prova quddiem it-Tribunal ghaliex il-persuna l-ohra kienet superjuri. Possibbilment dan jista’ jkun meta wiehed ihares lejn dawn ir-referenzi izda dawn ma ngabux a konjizzjoni tat-Tribunal. L-intimati sostnew li l-proceduri kienu kollha regolari, li kien hemm 15-il kandidat, li kien hemm shortlisting ta’ erbgha li fosthom kien ir-rikorrent kif ukoll il-persuna li saret. Semma li fost l-applikanti kien anke min kien avukat u kellu dottorati. Izda l-Professur Seracino Inglott li kien ic-Chairman tal-Bord tal-Ghazla sostna li l-kwalifika kienet dik ta’ Education Management jew Administration li l-persuna li ntaghzlet kellha. Zied jghid li r-rikorrent kellu “Masters izda nghid li din ma kenitx il-bazi tal-kwalifika li konna qed infittxu”.

Illi ghalhekk jidher car li skond l-intimat il-bazi tal-hatra kienet dik tar-referenzi izda quddiem it-Tribunal din il-prova ma ngabitx u ghahkekk ghalkemm jista’ jkun li tali hatra kienet gustifikata dan it-Tribunal m’ ghandux il-provi sufficjenti in sostenn li ma saritx ingustizzja fit-termini tal-Kap 394 ghax sal-provi li saru din tirrizulta. Ghal dawn il-motivi jichad l-eczzjonijiet tal-intimat izda jzid jghid li ovvjament f’ dan il-kaz it-Tribunal ma jistax jirrikmanda rimedju kumpensattiv minhabba l-fatt li Registratur tal-Universita` wiehed jista’ jkun hemm u li l-kariga gja tinstab validament okkupata.

Peress li ghalhekk isib l-ilment gustifikat, u peress li ma jistax f'dan il-kaz jordna rimedju kompensattiv, it-Tribunal jirrikmanda li jsir hlas ta' kumpens ta' tlett elef u hames mitt lira [LM3500].

Spejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------